MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 2343/1996/1

**Mary Grace Mallia**

**v.**

**Alfred Mallia**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attrici, wara illi ppremettiet illi z-zwieg bejn il-kontendenti ma ghadux aktar possibbli billi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' sevizzi, mohqrija eccessi oltre inkompatibilità ta' karattru, oltre li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment; illi b'digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili numru 562/96 l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha; talbet ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minhabba htija jew htijiet tal-konvenut u tawtorizza lill-istanti jghix separat minn martu (*sic*); 2. takkorda manteniment xieraq lill-attrici u tordna lill-konvenut ihallas dan il-manteniment fil-lok, u skond il-modalitajiet li dik il-Qorti joghgobha timponi; 3. tapplika interament jew in parti d-dispozizzjonijiet taht l-Artikolu 48 u 49 tal-Kodici Civili in kwantu applikabbli ghall-kaz; 4. tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi u tiddividi u tassenja l-istess skond kif dik il-Qorti jidrilha hekk xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz; bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond Awla kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:
"Illi huwa ma jopponix l-ewwel talba la darba l-attrici hija deciza li tisfratta l-hajja konjugali, izda huwa ma jaccettax li s-separazzjoni ghandha tigi awtorizzata minhabba xi htija tieghu;

"Illi t-tieni talba hija infondata ghaliex l-attrici hija responsabbli ghas-separazzjoni u l-agir ostili taghha ghandu itellifha kull dritt ghall-manteniment;

"Illi t-tielet talba ghandha ukoll tigi michuda ghall-istess ragunijiet premessi;

"Illi r-raba' talba ma hix opposta;

“Illi l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-attrici;

“Illi d-dar konjugali, May House, Parilja Street, Santa Venera, ghandha tigi diviza f’zewg *units*, kif facilment jista’ jsir, u l-eccipjent ghandu jigi awtorizzat li jabita f’wahda miz-zewg *units* tad-dar konjugali diviza, b’titolu ta’ lokazzjoni;

“Salv eccezzjonijiet ohra”;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relattiva;

Rat is-sentenza tas-sitta u ghoxrin (26) ta’ Gunju, 2003 illi permezz taghha l-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u laqghet it-talbiet attrici, fit-termini indikati fil-parti deciziva ta’ l-istess sentenza, u ordnat illi l-ispejjez tal-proceduri quddiemha u quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili jigu sopportati interament mill-konvenut; u dana wara illi ghamlet rassenja u analizi tal-provi saljenti prodotti u kkunsidrat hekk:
“Illi bhala ragunijiet ghall-objettiv taghha li titlob il-firda personali l-attrici tadduci fil-konfront tal-konvenut zewgha il-mohqrija, sevizzi, eccessi, theddid, offizi gravi u inkompatibilità ta’ karattru. Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta’ fatt imhollija fil-valutazzjoni ta’ min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta’ separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli.

“Illi hu pacifiku ‘*perchè il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non è necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perchè sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale*’ - *Elisa Thompson vs Edward Thompson* - Prim Awla tal-Qorti Civili, 12 ta’ Mejju 1925.

"Illi abbazi tax-xhieda voluminuza kumpilata f'dawn il-proceduri, tirritjeni illi mix-xhieda temergi sitwazzjoni cara ta' inkompatibilità kompleta bejn dawn iz-zewg konjugi, u wkoll li l-konvenut kien hati verso l-attrici ta' mohqrija, sevizzi, eccessi, theddid u offizi gravi.

"Illi mix-xhieda tal-kontendenti, tat-tfal taghhom, kif ukoll ta' terzi persuni familjari ghall-kontendenti, jirrizulta illi r-raguni ewlenija ta' l-inkwiet bejn il-kontendenti kienu l-flus. Jidher li r-ragel xejn ma kien ragjonevoli meta kien jigi sabiex jaghti flus lili martu. Meta f'xi okkazjonijiet il-flus moghtija lill-mara kienu jispiccaw kien jinqala' tilwim kbir meta l-mara kienet titolbu ghal aktar flus. Il-Qorti tirrileva li ma rrizultax li l-mara kienet xi wahda halja, anzi skond uliedha kienet ferm attenta ghal dak li jirrigwarda nfieq ta' flus.

"Illi l-Qorti tinnota li x-xehha tal-konvenut kienet ingustifikata u ghenet mhux ftit sabiex iz-zwieg tal-kontendenti jitkisser b'mod irrimedjabbli. Jidher illi fid-dar matrimonjali kien hemm nuqqas ta' necessitajiet ta' kuljum bhal *television*, *washing machine*, ecc u kien hemm sahansitra zminijiet fejn il-mara ma kienx ikollha flus biex titma lit-tfal. Dan gie ppruvat kemm mix-xhieda tat-tfal stess kif ukoll minn persuni vicini ta' l-attrici.

"Illi fil-kawza fl-ismijiet *Marthese Vella pro. et noe vs George Vella* (PA Cit. Nru. 2466/96 PS) deciza fit-28 ta' Frar 2003 intqal li l-Qorti, '*sabiex tasal biex taghti affidament lix-xhieda ta' l-attrici u dawk tal-familjari taghha illi l-konvenut kien xhih u jonfoq biss ghalih ghax skond zijietu hu qed jahdem ghalihom u jaqla' l-flus. Ix-xehha però ma tistax f'dan il-kaz tigi kwalifikata taht l-ebda wiehed mill-kapi addebitati mill-attrici, in kwantu din pjuttost tirrientra fost il-motiv ta' l-eccessi jew tas-sevizji, u dawn il-motivi ma gewx avvanzati minnhha.* '*<u>L'avarizia, quando è portata agli eccessi, può essere cagione di continue ed incessanti molestia e sevizie …</u>*' (Vol IX p 418; Vol. XXVIII P II p 441; Vol. XLVIII P I p 353)'.

"Illi gie kostantement ritenut li sevizzi '*joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw dulur,*

*ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom*' (Vol. XXXI P I p 200; Vol. XXVI P I p 246). Mill-provi rrizulta li l-attrici giet kostantement esposta ghal tali sevizzi.

"Illi l-incidenti ta' vjolenza li ghalihom saret referenza fix-xhieda ta' l-attrici gew ikkonfermati minn diversi xhieda ohra, u ghalhekk l-attrici ghandha tigi emnuta wkoll f'dan ir-rigward. Ma ninsewx li ulied il-kontendenti, li huma lkoll adulti, kkonkordaw fil-konferma tal-fatti negattivi attribwiti mill-attrici lill-konvenut zewgha, u dan kellu piz sostanzjali fid-determinazzjoni finali ta' l-vertenza minn din il-Qorti.

"Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-attrici kienet gustifikata fl-ilment taghha li hija kienet soggetta ghal diversi sevizzi u atti ta' mohqrija minn naha ta' zewgha. Ix-xehha ingustifikata tal-konvenut zgur li hija wahda minnhom.

"Illi l-Qorti tapprezza li huwa pacifikament akkolt fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna li l-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri (*Caterina Agius vs Benedict Agius*, Prim Awla tal-Qorti Civili, 13 ta' Gunju 1967). Hekk, per ezempju, '*biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien*' (*Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud*, Appell Civili, 21 ta' Frar 1969).

"Illi din il-Qorti hija altru milli sodisfatta li fil-kaz in ezami zgur li ma jistax jinghad li l-attrici qeghda tibbaza l-azzjoni taghha fuq xi incident minuri, u dan gie elaborat mis-siltiet tax-xhieda li gew riprodotti aktar kmieni f'din is-sentenza.

"*Inoltre*, zgur li hadd ma jista' jichad illi l-kontendenti ghandhom karattri li huma manifestament inkompatibbli, u din hija raguni ohra li timmotiva lil din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti. Dwar il-kawzali ta' inkompatibilità ta' karattru, intqal illi:-

'*l'incompatibilità di carattere non costituisce motivo per cui la legge accorda il diritto alla separazione personale, pure la stessa non può non essere presa nella debita considerazione dalla Corte per la valutazione della gravità delle cause che avessero determinato una delle parti ad adire il tribunale per ottenere la separazione*' (*Marianna Attard vs Achille Attard*, Prim Awla, Qorti Civili, 16 ta' Novembru 1932).

"Illi dwar il-qsim ta' l-assi komunitarji il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddividihom bejn il-kontendenti fil-parti dispozittiva ta' din id-decizjoni. Madanakollu, il-Qorti thoss li ghandha tirrimarka fis-segwenti mod dwar ir-residenza li ser ikollhom il-partijiet wara din is-separazzjoni. Il-Qorti hija altru milli konvinta, illi jkun ezercizju impossibli li l-konvenut jirritorna jabita fid-dar konjugali fejn prezentement tirrisjedi martu, u dan ghaliex il-konsegwenzi jkunu prevedibbilment negattivi ghall-ahhar. Mix-xhieda moghtija mill-attrici u mit-tlett itfal tal-kontendenti huwa evidenti illi jkun fl-interess ta' kullhadd illi dawn jibqghu jghixu separatament.

"Illi apparti minn dan il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi mix-xhieda ta' l-attrici u t-uliedhom, in kuntrast ma' dik tal-konvenut, jirrizulta illi l-konvenut minn dejjem wera x-xewqa li jirrisjedi gewwa residenza prezenti tieghu. *Inoltre* il-konvenut kemm il-darba sostna illi '*iffittxuh is-sinjuri kien hemm minn taghni erbghin elf lira ghall-goodwill biex nghatihulu ghax dan post maqtugh ghalih post ta' karattru u post ideali …*'."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab hekk:
"… dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba, bir-rispett tichad is-sentenza [*sic*] fis-sens li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-esponent u taghti konsiderazzjoni ghall-provi fejn johorgu hafna sitwazzjonijiet li juru li l-istess esponent hu vittma ta' manipulazzjoni ta' l-attrici, bl-ispejjez kontra l-istess attrici";

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attrici appellata illi biha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet illi l-appell tal-

konvenut ghandu jigi michud u s-sentenza appellata ghandha tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi, kif inhu dover taghha, dina l-Qorti ezaminat ir-rikors ta' appell tal-konvenut, senjatament it-talba hawn fuq riprodotta, talba formulata f'termini xejn felici, u, b'rizultat ta' dan l-ezami tikkonkludi illi l-appellant avanza fir-realta` aggravju <u>wiehed</u> kontra s-sentenza appellata, u cioe` li l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici ghaliex ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti;

Ikkunsidrat:

Illi hija ezaminat ukoll il-provi kollha prodotti, liema provi huma voluminuzi hafna, kull tant irrilevanti u hafna drabi konsistenti f'rakkont ta' fatti ripetuti *ad nauseam*. Minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti ezaminat dawn il-provi akkuratament, evalwathom sewwa, ghamlet apprezzament tajjeb taghhom u, wara dan l-ezercizzju, waslet sabiex tiddeciedi dwar it-talbiet attrici bil-mod hawn fuq riprodott. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, <u>ma hemm ebda raguni ghala ghandhom jigu disturbati l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti u l-konkluzjonijiet relattivi raggjunti mill-istess Qorti</u>. Ghalhekk, l-aggravju ta' l-appellant kontra s-sentenza appellata mhux fondat u, konsegwentement, l-appell interpost mill-konvenut ma jistax jigi milqugh. B'danakollu, però, tajjeb illi jigu trattati, anke jekk mhux b'mod approfondit, zewg sottomissjonijiet maghmula mill-appellant fir-rikors ta' appell tieghu;

Fit-tielet (3) pagina tar-rikors ta' appell il-konvenut jissottometti testwalment hekk:
"Illi l-ewwel Qorti indikat b'mod erronju li 'tichad l-eccezzjonijiet kol[lh]a tal-konvenut' meta fil-fatt gie indikat

il-fatt li l-attrici hi deciza tisfratta z-zwieg, dan se jigi accettat mill-esponent."

Mhux facli illi wiehed jifhem x'inhu ezattament l-ilment ta' l-appellant. Dak illi qed tifhem dina l-Qorti huwa illi l-appellant qed jissottometti illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghaliex permezz ta' l-istess eccezzjoni huwa kien qed jaccetta illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti. Jekk is-sottomissjoni in ezami ta' l-appellant hija kif fehmitha dina l-Qorti, l-appellant ma ghandux ragun ghaliex, kif jidher car mill-ewwel eccezzjoni, illi sejra tigi riprodotta, permezz ta' din l-eccezzjoni l-konvenut issottmetta illi s-separazzjoni mhix imputabbli lilu. Dina l-eccezzjoni hija fit-termini segwenti:
"Illi huwa ma jopponix l-ewwel talba la darba l-attrici hija deciza li tisfratta l-hajja konjugali, izda huwa ma jaccettax li s-separazzjoni ghandha tigi awtorizzata mhabba xi htija tieghu;"

La darba l-ewwel Qorti kkonkludiet illi s-separazzjoni bejn il-kontendenti kellha tigi pronunzjata minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut, hija kellha necessarjament tichad l-ewwel eccezzjoni;

Permezz ta' sottomissjoni ohra - ukoll a pagina 3 tar-rikors ta' appell - l-appellant jaghti x'wiehed jifhem illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta emmnet lit-tlett (3) ulied tal-kontendenti ghaliex, peress illi dawn huma kollha bniet, huma "… ihobbu jghaddu hafna zmien mal-omm" u, konsegwentement, gew influwenzati hafna mill-attrici. Dwar din is-sottomissjoni huwa sufficjenti illi jinghad illi meta xehdu ulied il-kontendenti huma ma kienux tfal zghar. Infatti, meta giet intavolata l-kawza odjerna ulied il-kontendenti kienu kollha mizzewgin. Jirrizulta illi l-ewwel bint illi zzewget kienet il-kbira - ghall-habta ta' l-1987 - u l-ahhar wahda illi zzewget kienet iz-zghira. Din izzewget f'Dicembru, 1995. Il-kawza giet intavolata f' Lulju, 1996. Naturalment, sa meta xehdu ulied il-kontendenti f'dawn il-proceduri lahaq ghadda zmien konsiderevoli;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta’ din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------